FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

MAGISTRAT DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDE CIVILI

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 19 TA' JANNAR 2001

Avviz Nru 2318/98DM

Mario Zammit

vs

Henry Falzon

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-attur ghall-kundanna tal-konvenut sabiex jhallas lill-istanti s-somma ta' Lm251.85c danni mill-attur imgarrba in segwitu ghal incident stradali li gara il-Gudja Luqa fis-07.10.98 bejn car Hyundai Pony nru IBC369 misjuqa mill-istanti u truck nru IAZ 278 misjuqa mill-konvenut. Prevja dikjarazzjoni li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident u danni minhabba imprudenza, negligenza, imperizja, u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez, komprizi Lm10.50 ta' konsult, dawk tal-ittra ufficjali tal-05.11.98 u dawk tal-ittra ufficjali tal-lum ai termini tal-Kap 104 u bl-imghaxijiet minn notifika tal-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Henry Falzon fejn eccepixxa:

1. It-talba tal-attur ghandha tkun respinta bl-ispejjes kontrih stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma garax tort tal-eccipjent izda gara unikament htija ta' l-attur innifsu.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri;

Rat id-dokumenti esebiti

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:

Illi z-zewg verzjonijiet moghtija mill-kontendenti rispettivament jimplikaw kull wahda responsabilita' esklussiva tal-parti l-ohra.

L-attur isosstni li waqt li kien qed idur mar-'roundabout', il-konvenut hareg ghal fuq l-istess roundabout minn warajh jew almenu minn mal-gemb tieghu, zamm fuq in-naha tax-xellug tieghu u ostakolalhu l-manuvra biex jitlaq ir-roundabout.

Il-konvenut, minn-naha l-ohra jallega li waqt li *hu* kien digia mar-'roundabout' gie l-attur minn-warajh, ghaddieh minn fuq il-lemin tieghu biex jikser f'daqqa ghal-fuq ix-xellug minn quddiemu, ikkalkola hazin u laqtu.

Din l-ahhar verzjoni timplika, mhux biss nuqqas ta perizija fis-sewqan, izda sewqan bla kont kwazi ammontanti ghall-intenzjoni li tigi kkawzata habta. Infatti huwa inspjegabbli ghaliex l-attur kellhu jibdel it-trajettorja tieghu, jaqla it-truck ta dimensjonijiet notevoli u javvicina ir-roundabout fuq il-lemin tieghu meta fl-istess hin ried jitlaq l-istess roundabout.

Ghalhekk hija wisq iktar verosimili il-verzjoni tal-attur li hija konfortata mill-posizzjoni tat-truck tal-konvenut li f'ebda mument ma dahal mar-roundabout kif suppost presumibilment ghaliex quddiemu kien hemm mar-roundabout il-vettura tal-attur.

Ghalhekk tacceta il-verzjoni tal-attur u tiddikjara lill-konvenut unikament risponsabbli ghall-kollizzjoni in kwistjoni. Konsegwentement il-konvenut ghandhu jirrispondi ghad-danni li sofra l-attur ammontanti ghall-LM251.85 kif ampjament ippruvat bid-dokumenti esibiti u d-deposizzjoni tal-istess attur.

Ghaldaqstant tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-istanti s-somma ta’ Lm251.85c danni mgarba mill-attur in segwitu ghal incident stradali li gara il-Gudja Luqa fis-07.10.98 bejn car Hyundai Pony nru  IBC369 misjuqa mill-attur u truck nru IAZ 278 misjuq mill-konvenut, oltre l-imghax legali mill-21 ta Lulju 1999.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

…………………..
Mag. Dr. D. Montebello BALLD

A. Farrugia
DepReg
CIV20